# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14

Data tal-laqgħa: 7 ta' Frar, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**14/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**14/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Marilena Hassan biex tiġi skużata minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li tiġi reġistrata bħala Assenti b'appoloġija.

**14/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**14/02/01** **Para 13/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal *Contracts Managers* ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Frar 2020.

**14/02/02** **Para 13/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tħejji sejħa għal kiri ta' van għal Kunsill.

**14/02/03** **Para 13/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**14/02/04** **Para 13/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki ħa jsiru mill-kuntrattur.

**14/02/05** **Para 13/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *information panel* tal-Pjazza għadha ma twaħlitx.

**14/02/06** **Para 13/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert bil-gradilji tal-konkos.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**14/02/07** **Para 13/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna l-AED u l-kaxxa tagħha.

**14/02/08** **Para 13/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali.

**14/02/09** **Para 13/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mil-lum Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel ġiet *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**14/02/10** **Para 13/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**14/02/11** **Para 13/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**14/02/12** **Para 13/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi, sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*, nibdlu l-arbli u l-bozoz isiru LED, barra minn hekk, isir *foam* ma' dawra tal-arbli sabiex it-tfal ma jweġġgħux.

**14/02/13** **Para 13/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-isem ta' Triq San Bartilmew saret.

**14/02/14** **Para 13/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u ż-żewġ arbli għal Triq iċ-Ċawl ġew ordnati.

**14/02/15** **Para 13/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna mera għal Sqaq ix-Xgħajrat.

**14/02/16** **Para 13/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill għadha ma saretx.

**14/02/17** **Para 13/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**14/02/18** **Para 13/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nġibu stimi biex isir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**14/02/19** **Para 13/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

**14/02/20** **Para 13/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-*dog bin* għal taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma, id-*dog bin* għal Vjal ir-Repubblika u d-*dog bin* għal Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-kbira saru.

**14/02/21** **Para 13/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrat iż-żebgħa sabiex il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jagħmlu *refreshing* ta' *zebra crossings*.

**14/02/22** **Para 13/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' quddiem 'D Village' fi Vjal it-Repubblika saret.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **14/02/23** | **Para 13/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ta' Triq San Bartilmew man-naħa tal-iskola saret. |
| **14/02/24** | **Para 13/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tpinġija mal-ħitan tal-kmamar fi Ġnien il-Paċi lesta. |
| **14/02/25** | **Para 13/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Vendome saru. |
| **14/02/26** | **Para 13/05/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat ir-*reflectors* għal mal-*crash barriers* ta' Triq Għar San Brinkat. |
| **14/02/27** | **Para 13/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxi sofor ta' quddiem il-garaxxijiet fi Triq Excelsior u Triq E. Perren saru. |
| **14/02/28** | **Para 13/05/10:** Fuq it-talba għal *double yellow line* quddiem garaxx fi Triq l-Isqof Gargallo. Il-Kunsill ma laqax din it-talba. |
| **14/02/29** | **Para 13/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1m *double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx ta' resident fi Vjal ir-Repubblika sar. |
| **14/02/30** | **Para 13/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat biċċa *rubber* għal kantuniera mad-dar Roma fi Triq San Nikola. |
| **14/02/31** | **Para 13/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1m *double yellow line* qrib 29 Triq San Ġwann biex ikun jista' joħroġ bi trakk mill-garaxx sar. |
| **14/02/32** | **Para 13/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *flexible rubber bollards* għad-daħla ta' ħdejn il-Kunsill quddiem id-djar. |
| **14/02/33** | **Para 13/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tpoġġa *dog bin* viċin l-iskola. |
| **14/02/34** | **Para 13/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret bozza ġdida ma' arblu eżistenti fi triq ta' taħt il-Madonna tal-ġebla l-kbira. |
| **14/02/35** | **Para 13/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-1m *double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx ta' Transient fi Triq Mons. Luigi Catania sar. |
| **14/02/36** | **Para 13/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *patching* fi Triq Santa Katerina sar. |
| **14/03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| **14/03/01** | Is-Sindku qalet li Ms Ben (Kap tal-Iskola) tixtieq li issir attività li fiha jieħdu sehem kemm in-nanniet kif ukoll it-tfal tal-iskola. Is-Sur Christopher Fenech ħareġ bl-idea li ssir sessjoni fejn it-tfal tal-iskola jpinġu fuq il-ħitan ta' Ġnien il-Paċi flimkien ma' Ms Nathalie Micallef. Kien hemm qbil unanimu. |
| **14/04** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| **14/04/01** | Ma kienx hemm. |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**14/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**14/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Jannar 2020).

**14/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – PA/01334/19 – Case deferred.

**14/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Jannar 2020).

**14/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 29 ta' Jannar 2020).

**14/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur – SPI.1.2020 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2020/2021.

**14/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 5 ta' Frar 2020).

**14/05/07** Fuq it-talba għal iktar bins fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa ta' Searchlight Battery). Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**14/05/08** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li Ms Nathalie Micallef tkompli tpinġi fuq il-ħitan ta' Ġnien il-Paċi. Kien hemm qbil unanimu.

**14/05/09** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jsir 1m *double yellow line* ħdejn garaxx fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil unanimu.

**14/05/10** Is-Sur Abraham Aquilina qal li nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu ħa jsir *Seminar* fuq Measure 1.

**14/05/11** Is-Sur Carl Grech saqsa jekk irċevejniex risposta mill-Arċisqof ta' Malta fuq l-art fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Is-Sindku qalet li għadna ma smajna xejn.

**14/05/12** Is-Sur Carl Grech ressaq li nistgħu noħorġu *expression of interest* sabiex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata. Is-Sindku qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority.

**14/05/13** Is-Sur Carl Grech staqsa jekk hux ħa tinfetaħ xi triq fi Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel kuntatt mal-Planning Authority.

**14/05/14** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex napplikaw għal fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil unanimu.

**14/05/15** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir laqgħa mal-Ministru ta' Turiżmu fuq il-proġett tal-Lanċiritka. Kien hemm qbil unanimu.

**14/05/16** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jinbidlu xi tabelli. Kien hemm qbil unanimu.

**14/05/17** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill approva li ssir talba għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate li hija proprjeta' pubblika. Kien hemm qbil unanimu.

**14/06 Aġġudikazzjoni tat-Tender – *Collection of household waste from the locality of Ħal Għargħur using low emission service vehicle***

**14/06/01** Il-bord tal-għażla kien magħmul minn Carl Grech bħala ic-Chairperson, Helene Gauci, Abraham Aquilina u Christopher Fenech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala s-Segretarju. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil Veladrians Ltd peress li din kienet l-unika offerta konformi fil-parti Amministrattiva, Teknika u Finanzjarja.

**14/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**14/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**14/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**14/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**